# L-ARĊISQOF MAURO CARUANA



*Ritratt: Charles Muscat*

Hu xieraq li f'għeluq il-75 sena mit-twaqqif ta' Santa Venera bħala Parroċċa, infakkru lil dak l-Isqof, li bl-aktar responsabilta' bħala ragħaj spiritwali, waqqaf dan ir-raħal bħala parroċċa fl-1918.

F'Lulju 1914, miet l-Arċisqof ta' Malta Monsinjur Pietro Pace u bħala suċċessur tiegħu bdew jissemmew ħafna ismijiet iżda ftit li xejn issemma l-isem ta' Dom Mauro Caruana għaliex dan il-Benedettin Malti kien jgħix l-Iskozja iżda spiss kien jiġi Malta għal btajjel u biex jara lil familjari tiegħu u kellu jkun f'Malta meta rċieva telegramma fejn qaltlu biex jibqa' Malta u ftit wara telegramma oħra talbitu jitla' Ruma u fit-22 ta' Jannar tal-1915 Ruma approvat u ħabbret li Dom Mauro Caruana sar Aċisqof ta' Malta.

Dak in-nhar il-qniepen ta' Malta daqqew mota ta' ferħ għal għażla tal-Arċisqof il-ġdid, iżda l-poplu Malti ftit li xejn kien jaf min hu dan il-patri Benedittin.

Il-familja Caruana li fiha twieled l-Arċisqof, kienet toqgħod fi Triq il-Miratur il-Furjana fejn Dom Mauro twieled fis-16 ta' Jannar 1867.

Il-ġenituri tiegħu Enriċo u Eliżabetta tawh l-isem ta' Luigi u kien l-iżgħar fost tlett ulied.

Nistgħu ngħidu li l-formazzjoni skolastika tiegħu l-Arċisqof Caruana ħadha mingħand il-Ġiżwiti l-ewwel fis-Seminarju t'Għawdex imbagħad fil-kulleġġ ta' San Ġiljan u wara hu kompla jistudja għas-saċerdozju fl-abbazija Benedittina ta' Fort Augustus fl-Iskozja.

Fl-14 ta' Marzu 1891 hu ġie ordnat saċerdot minn idejn l-Isqof Maċdonald u ftit wara, s-superjuri tiegħu, li għarfu fih intelliġenza kbira, bagħtuh Ruma, jistudja l-Liġi Kanonika fl-Istitut Benedittin ta' San Anselmo.

Fl-1904 Benedittin ieħor Malti, Dom Ambrogio Agius ġie maħtur delegat appostoliku għall-gżejjer Filippini u Dom Ambrogio għażel lil Dom Mauro biex ikun segretarju tiegħu.

Wara xogħol siewi fil-gżejjer Filippini s-superjuri Benedittini għażluh biex imur il-Brazil, biex hemm iwaqqaf dar Benedittina iżda dan il-proġett ma kellux iwettqu billi waqt li kien Malta, fi triqtu il-Brazil, irċieva l-aħbar biex imur il-Vatikan fejn ġie maħtur Arċisqof ta' Malta.

F'jum il-festa ta' San Pawl, jiġifieri fl-10 ta' Frar 1915, Dom Mauro Caruana ġie kkonsagrat Isqof fil-bażilika ta' Santa Maria in Trastevere mill-Kardinal Raffaele del Val.

L-ingress solenni tiegħu għamlu fid-19 ta' April 1915 billi skond id-drawwa hu għadda lejl għand il-patrijiet Dumnikani tar-Rabat u filgħodu hu telaq proċessjonalment fuq id-debba bajda mill-Knisja tal-patrijiet Agostinjani għall-katidral fl-Imdina.

L-ewwel ittra pastorali tiegħu, l-Arċisqof Mauro Caruana sejjaħ lill-poplu Malti biex miegħu jaħdmu għall-ġid tad-djoċesi u ftit wara hu beda jżur il-parroċċi tagħna u jiltaqa' mal-kleru u l-poplu, iżda ftit wara faqqħet l-ewwel gwerra dinjija u għalhekk Monsinjur Caruana kellu jwaqqaf din il-vista pastorali.

Wara l-gwerra hu kompla biż-żjara pastorali tiegħu u hawn hu ra l-ħtieġa ta' aktar parroċċi għalhekk fl-4 ta' Settembru 1918 hu waqqaf il-parroċċa ta' Santa Venera. Huwa waqqaf ukoll il-Parroċċa tal-Madonna tas-Sacro Cuor f'Tas-Sliema.

Tlett snin wara, jiġifieri fl-1921 hu waqqaf il-Gżira bħala Parroċċa għaliha u fl-4 ta' Settembru ta' dik l-istess sena hu inkuruna sollenament l-istatwa titulari ta' Marija

Bambina ta' l-Isla.
Fl-1924, bit-tħabrik tiegħu inġiebet Malta ir-relikwija tad-Driegħ ta' San Franġisk Saverju u l-Arċisqof Caruana mexxa l-funzjonijiet straordinarji li saru għal din l-okkażjoni.
L-Arċisqof Caruana kien il-bniedem li mill-ewwel fehem il-ħtieġa tal-ġurnal kattoliku fid-djoċesi u permezz tal-ħidma tiegħu, fl-1 ta' Settembru 1928 ġie ppublikat l-ewwel numru tal-ġurnal kattoliku "Leħen is-Sewwa".
Fl-1935 l-Arċisqof Caruana organizza l-Ewwel Konċilju Reġjonali f'Malta immexxi mill-Kardinal Alessio Enric Lepicier delegat tal-Papa Piju XI. F'dan il-Konċilju ġew studjati u ttieħdu deċiżjonijiet importanti fl-amministrazzjoni tal-knisja Lokali.
Kien ukoll f'din l-okkażjoni li f'Għawdex ġiet inkurunata x-xbieha devota tal-Madonna ta' Pinu. Il-Kardinal Lepicier mexxa l-funzjoni iżda l-Arċisqof Caruana, flimkien ma l-Isqof Gonzi, li allura kien Isqof t'Għawdex, ħadu sehem f'din il-funzjoni kbira.
F'1936 l-Arċisqof Caruana ra kemm Ħal Qormi kiber u xtered u għalhekk hu għażel il-knisja ta' San Sebastjan bħala t-tieni parroċċa ta' Ħal Qormi.
Lejn tmiem is-snin tletin ir-riħ tal-gwerra beda jinħass sewwa fil-gżejjer Maltin. Il-gwerra kienet wara l-bieb, sadattant l-Arċisqof Caruana kien beda jħossu għajjien iżda b'danakollu baqa' attiv.
Il-knisja ta' San Girgor f'Tas-Sliema, li kienet il-ħolma u l-ħlieqa tiegħu, baqa' jinteressa ruħu fiha sa' l-aħħar. Spiss kien jinżel tas-Sliema mill-Imdina biex jara x-xogħol u feraħ meta fl-1940 din il-knisja kienet lesta u berikha u waqqafha bħala t-tielet parroċċa ta' Tas-Sliema. Kienet il-ħames parroċċa li waqqaf l-Arċisqof Mauro Caruana f'dawn il-gżejjer.
Waħda mill-aħħar attivitajiet li ħa sehem fihom l-Arċisqof Mauro Caruana, kien il-għoti tal-George Cross lil dawn il-gżejjer fl-1942.
Fl-1943 saħħet l-Arċisqof Mauro marret lura ħafna u wara talba tiegħu fit-23 t'Ottubru ta' dik is-sena, l-Awtoritajiet Vatikani ħatru lil Isqof t'Għawdex, Monsinjur Mikiel Gonzi suċċessur tal-arċisqof Caruana.
Lejn tmiem dik is-sena hu ħalla l-palazz veskovili u beda joqgħod għand is-sorijiet tal-Blue Sisters f'San Ġiljan.
Sebaħ il-jum tas-16 ta' Diċembru 1943, l-ewwel jum tan-Novena ta' Ġesu bambin u fil-knejjes kollha ta' Malta kienet qegħda ssir iċ-ċelebrazzjoni tal-quddies, l-Arċisqof Caruana ma qamx mis-sodda, it-tmiem kien imminenti u b'dan indunaw is-sorijiet u minnufih ikkuntatjaw lil Dun Karm Farrugia, li kien kappillan tiegħu u lil Monsinjur Mikiel Gonzi li fi ftit ħin kienu ħdejh.
Amministrawlu l-aħħar sagramenti u għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħodu l-Arċisqof Mauro Caruana ħalla din id-dinja. Kellu 76 sena u kien ilu 28 sena isqof ta' Malta.
Il-funeral sar li fil-Kon Katidral ta' San Ġwann u l-katavru tqiegħed fil-Kappella Ardente u l-Isqof Gonzi mexxa l-quddiesa De Requiem u l-Vigarju Monsinjur Galea għamel id-diskors funebri.
Wara nofs in-nhar il-funeral mar mill-Kon-Katidral ta' San Ġwann għall-knisja parrokkjali ta' San Girgor tas-Sliema, fejn skond ix-xewqa tiegħu, indifen fil-qabar li hu stess kien ħejja taħt il-presbiterju.
Illum, li għaddew ħamsin sena mill-mewt ta' dan l-Arċisqof, dan il-qabar bil-lapida fuqu għadhom ifakkru lil dan l-Isqof Benedittin fil-ħidma fejjieda li wettaq fostna fosthom it-twaqqif tal-parroċċa ta' Santa Venera ħamsa u sebgħin sena ilu.

Tony Terribile
4.1.93